MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 94/2010/1

**Frank u Louise konjugi Azzopardi (ID 442969M) u (ID27675M) rispettivament**

**vs**

**Joan Gauci, (ID 736659M) Carmen Pace, Antonio *sive* Anthony Calleja, Emanuela *sive* Nelly Lee, John Baptist Calleja, Maria *sive* Mary Formosa, Grace Micallef, Kalcidon Bonavia, Mary Bonavia, Emanuela Mallia, Carmen Catania, Josephine Cucciardi, Kalcidon Bilocca, Mary Abela, Giorgina Azzopardi, Agnes Micallef, Joseph Micallef, Joseph Micallef, Spiridione *sive* Dione Micallef, George Micallef, Maria Dolores Mercieca, Ludgardo *sive* Richard Micallef, Sylvana Micallef, Stefan Micallef, Charles *sive* Charlie Micallef, Kalcidonio Micallef, Don Micallef, Helen Lindsay u Lilian Meyerhaus bhala eredi ta’ Carmelo Micallef (ID 790529M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-22 ta’ Gunju 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***“Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors prezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tmintax (18) ta’ Marzu 2010 fejn esponew bir-rispett u bil-gurament ikkonfermaw is-segwenti:*

*“Illi huma gew notifikati b’Mandat ta’ Sekwestru numru 288/2010 li hareg fit-2 ta’ Marzu, 2010 li permezz tieghu l-intimati qeghdin jezigu l-hlas ta’ hmistax-il elf, erba’ mija u wiehed u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€15,771.20) flimkien ma’ elfejn mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u disghin centezmu (€2,165.97) interessi dovuta sa dakinhar tal-Mandat u erbgha mija u sitta w tmenin Ewro (€486) dovuta bhala spejjez skond it-taxxa ufficjal Dok. B u spejjez tal-Mandat odjern ta’ mija u disgha u erbghin ewro u ghaxar centezmi (€149.10).*

*Illi l-intimati qed jippretendu tali ammont billi qeghdin jezigu l-hlas in segwitu ghall-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta billi l-ittra ufficjali msemmija ma tissodisfax il-kweziti tas-Sub-Artikolu 1, 2, u 3 tal-Artikolu 166A fuq imsemmi ghar-ragunijiet segwenti.*

*Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi permezz ta’ skrittura privata tal-25 t’April 2003 l-esponenti xtraw minghand Carmelo Micallef (I.D. 790529M) u martu Catherina Micallef (I.D. 332739M) 29 baqra bil-prezz ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500)-il wahda u disgha u tletin (39) kwota bil-prezz ta’ elf Lira Maltin (Lm1,000)-il kwota, u*

*dawn komplessivament igibu l-prezz totali ta' tlieta u hamsin elf u hames mitt Lira Maltin (Lm53,500) u fuq l-iskrittura hemm dikjarat illi sa dakinhar kienet ga thallset is-somma ta' ghaxart elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm10,800) biex b'hekk baqa' bilanc ta' tnejn u erbghin elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm42,700), liema bilanc kellu jithallas permezz ta' rati mensili ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) minghajr imghax.*

*Illi effettivament l-esponenti hallsu l-ammont intier kif jirrizulta mill-ircevuti hawn annessi u kopji ta' slips ta' bankdraft li attwalment juru illi l-esponenti hallsu sitt elef u tliet mitt Lira Maltin (Lm6300) ekwivalenti ghal erbatax-il elf sitt mija u hamsa u sebghin ewro (€14,675) aktar milli kellhom ihallsu u ghalhekk ma kien hemm ebda ammont dovut mill-esponenti u wisq anqas ma dan kien cert, likwidu u dovut.*

*Illi inoltre, l-ittra ufficjali ezekuttiva saret minn Carmelo Micallef wahdu meta l-iskrittura privata saret minn Carmelo Micallef u martu Catherina, u inoltre, il-Mandat ta' Sekwestru ma sarx mill-imsemmija konjugi Micallef izda sar minn diversi persuni li allegatament jghidu li huma eredi ta' Carmelo Micallef izda ma tressqet l-ebda prova jew indikazzjoni dwar it-titolu taghhom fir-rigward.*

*Ma saru l-ebda proceduri sabiex ikun hemm xi forma ta' trasfuzjoni tal-atti u konsegwentement f'kull kaz l-intimati odjerni ma jistghux javvalaw ruhhom mill-ittra ufficjali fuq imsemmija."*

*Ghaldaqstant, l-esponenti talbu lil din il-Qorti sabiex, a tenur tal-**Artikolu 166A Subsection 5**, joghgobha:*

*1. "Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh fi zmien gimaghtejn; u*

*2. Thassar u tirrevoka u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv fuq imsemmi; u*

*3. Tawtorizza l-hrug ta' kontro-mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti skont il-Ligi."*

*Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Marzu 2010 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar id-29 ta' Marzu 2010 u ordnat li jkun notifikat lill-kontro-parti li kellu jumejn zmien biex jirrispondi.*

*Rat ir-risposta tal-intimati pprezentata nhar is-sebgha t'April 2010 fejn esponew is-segwenti:*

*1. "Illi fl-ewwel lok l-intimati jeccepixxu l-inkompetenza rationae valoris ai termini tal-**Artikolu 47 (1) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-ammont mertu tal-Mandat ta' Sekwestru numru 288/2010 u tal-ittra ufficjali mertu tar-rikors, huwa oltre hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati jeccepixxu l-lis alibi pendens stante li r-rikorrenti ga ntavolaw proceduri identici quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Rikors Nru.: 217/10JRM) li jinsab differit ghall-5 ta' Mejju, 2010 ghal decizjoni preliminari.*

*3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghal dak su eccepit, l-intimati jeccepixxu li ma tirrikorri ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-**Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12** sabiex jimmerita li jigi milqugh ir-rikors odjern ghar-Revoka tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni u l-Mandat ta' Sekwestru numru 288/10."*

*Rat is-sentenza preliminari taghha moghtija fl-istess ismijiet premessi nhar is-27 t'April 2010 fejn iddikjarat li kienet qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati stante li ghandha kompetenza tisma' u tiddeciedi dan ir-rikors, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.*

*Rat li fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2010, l-avukat difensur tar-rikorrenti nformaha li kien ceda l-atti li kienu pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-istess ismijiet u li jgibu n-numru 217/10JRM.*

*Rat ukoll li in vista ta' tali dikjarazzjoni, l-avukat difensur tal-intimati rtira t-tieni eccezzjoni tieghu.*

*Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati, minnhom ipprezentata fit-tletin ta' Settembru, 2010 fejn eccepew:*

*"Illi r-rikors odjern huwa null peress li qabel ma gie pprezentat ma gewx imhallsa d-drittijiet u l-hlasijiet (vide taxxa ufficjali bhala Dok. A) in konnessjoni ma' rikors iehor fuq l-istess mertu fl-istess ismijiet hawn fuq premessi (Rikors Nru.: 217/10JRM fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili) liema rikors gie cedut fis-16 ta' Lulju 2010 kif jrrizulta minn Dok. B anness mal-prezenti, u dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 907 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju."*

*Rat il-verbal tas-26 t'Ottubru 2010 fejn l-avukat difensur tar-rikorrenti ddikjara li b'referenza ghall-procedura msemmija mill-intimat meta mar biex jordna t-taxxa, sab li ma kien hemm l-ebda drittijiet u spejjez dovuti lill-intimati, peress li dawn ma kienux pprezentaw atti bil-miktub. Inoltre ddikjara li prezenzjalment kien qed jiehu konjizzjoni tat-taxxa a fol. 64 tal-process, li ma gietx mibghuta lir-rikorrenti*
*u ddikjara wkoll li stante li din harget fil-mori ta' dawn il-proceduri kien ser jipprezenta cedola ta' depositu fl-ammont ta' mitejn u erbghin ewro (€240) jekk l-offerta tal-hlas tigi rifjutata.*

*Rat li fl-4 ta' Novembru 2010 ir-rikorrenti pprezentaw nota b'taxxa.*

*Rat il-verbal sussegwenti, cioe' dak tal-15 ta' Dicembru 2010 fejn il-partijiet informaw lill-Qorti li ma kienux lahqu ftehim.*

*Rat li nhar it-tnax ta' Jannar, 2011 xehed **Francis Azzopardi** (fol. 97 et seq.) li kkonferma li jaf lil Carmelo Micallef peress li tmien snin qabel kien xtara l-permess tal-baqar minghandu bil-prezz ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) ghal kull gallun kwota, u cioe' kien hemm disgha u tletin (39) gallun neqsin. Jghid li kien xtara wkoll disgha u ghoxrin (29) baqra bil-prezz ta' hames mitt Lira (Lm500) 'l wahda. Jikkonferma li hallsu ta' kollox u dan kif jidher mid-dokumenti esebiti a fol. 9 et. Seq tal-process. Jghid li Carmelo Micallef iffirma fuq kull ircevuta, ghalkemm gieli ffirmat martu ghalih. Jiftakar li kien ihallsu f'rati mensili u kien imur ihallsu d-dar tieghu fil-Marsa. Spjega li kemm hu u kif ukoll mart Micallef kellhom pitazz fejn kienu jitnizzlu l-pagamenti w anke l-firem. Imbaghad qal li effettivament dejjem is-Sinjura Micallef kienet tiffirmalu. Ftakar li darba kien halla elfejn Lira Maltin (Lm2000) m'oht is-Sinjura Micallef. Spjega li d-dokumenti esebiti a fol. 9, huma bank drafts, li pero' ghalihom m'hemmx firem ghalkemm jaf li ghaddihomlhom ukoll. Sostna li llum hu m'ghandu jhallas xejn, izda fil-fatt ghandu jiehu u li effettivament hallas hamest elef Lira (Lm5000) aktar. Jghid li l-ahhar pagament kien ghamlu qabel ma Micallef dahal l-isptar, u zied li s-Sinjura Micallef kienet mietet sena qabel zewgha. Qal li fil-fatt l-ahhar pagament kien tah lis-Sinjura Micallef. Stqarr li Carmelo Micallef dejjem mexa sew mieghu. Stqarr ukoll li meta kien jircievi l-karti ghall-hlas ma kienx jaghti kazhom ghax ghalih kollox kien imhallas, imma fl-ahhar mar kellem avukat. Qal li dejjem wahdu kien imur biex ihallas.*

*In kontro-ezami zied jghid li qabel dan in-negozju kien ghamel negozju iehor mas-Sur Micallef. Sostna li kien qal lill-avukat li ma kienx se jhallas lil Micallef tal-gwiez qabel ma jhallsu l-kumplament, ghaliex fil-fatt ma kienx jaf li ma kienx fadallu x'ihallas. Esebixxa ftehim datat 15 ta' Mejju 1996, kif ukoll ricevuti annessi mieghu, kollox immarkat komplessivament bhala Dok. T. Jghid li dawn l-ircevuti huma prova tal-hlas ta' dak li qed jigi mitlub minnu llum.*

*Rat li fit-tnejn u ghoxrin ta' Frar, 2011 xehdet **Louise Azzopardi**, mart ir-rikorrent (a fol. 110 et seq.) li ddikjarat*

*li hi u zewgha ilhom mizzewgin ghal dawn l-ahhar sittax-il sena. Ikkonfermat li meta kien sar il-ftehim fis-sena 2003, hi kienet prezenti flimkien ma' zewgha, u kien hemm ukoll l-avukat, illum Imhallef, Joe Azzopardi bhala l-avukat tal-intimati.*

*Spjegat li f'April 2003 kienu ghamlu t-tieni ftehim u sostniet li meta sar dan il-ftehim kien hemm diskors minn Catherine Micallef lill-avukat taghha stess, Dr. Azzopardi, fis-sens li l-ewwel ftehim kien diga' mhallas. Qalet li dakinhar kienu hallsu ghaxart elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm10,800).*

*Ikkonfermat li d-dokument esebit a fol. 3 tal-atti jindika pagamenti li huma ghamlu permezz ta' cekk. Tghid li saru wkoll pagamenti mensili li kienu jitnizzlu fuq ktieb fejn kienet tiffirmalhom Catherine Micallef, li wkoll kellha ktieb bhalu. Tghid li dan jinsab esebit a fol. 46 et seq.*

*Rat li fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2011, l-avukat tar-rikorrenti talab li l-Qorti tghaddi biex taghti s-sentenza, liema talba intlaqghet mill-Qorti.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-ewwel eccezzjoni diga' giet trattata fis-sentenza preliminari li nghatat minn din l-istess Qorti fl-ismijiet premessi nhar is-17 ta' April 2010, in oltre jinghad ukoll li din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol u tiddiskuti t-tieni eccezzjoni tal-intimat, u cioe' dik ta' lis alibi pendens peress li wara li r-rikorrenti ceda l-atti li kienu pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-istess ismijiet u li jgibu n-numru 217/10JRM, u dan fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-intimat kien irtira tali eccezzjoni.*

*Ghalhekk din il-Qorti ghandha l-ewwel tindirizza l-eccezzjoni ulterjuri moghtija mill-intimat dwar in-nullita' ta' dan ir-rikors, ghaliex allegatament ir-rikorrenti ma hallasx l-ispejjez u drittijiet dovuti fuq ir-rikors prezentant quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Rikors numru 217/10JRM, qabel ma ntavola r-rikors odjern. Illi din l-eccezzjoni hija wahda ta' natura preliminari u ghalhekk din il-Qorti sejra l-*

*ewwel tindirizza lilha qabel ma tidhol fuq ir-rekwizit tal-* ***artikolu 166A (5)*** *tal-Kap. 12 kif sollevat mill-intimat ukoll bhala eccezzjoni tieghu.*

***Konsiderazzjoni legali.***

***L-Artikolu 907 (2) tal-kap 12*** *tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-*

*(2) "Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess*
*haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra."*

*Li gara f'dan il-kaz aktarx, u dan qed jinghad minn dak li gie rilevat fit-tieni eccezzjoni tal-intimat, li ma giex kontradett mir-rikorrenti fil-mori tal-kawza, li r-rikorrenti kien diga' pprezenta rikors simili fuq l-istess materja quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u dan ir-rikors mhux biss sar qabel dan ir-rikors odjern imma baqa' ghaddej fil-mori ta' dawn il-proceduri. Kien ghalhekk li l-intimat qajjem l-eccezzjoni ta' lis alibi pendens. Illi pero' permezz ta' nota pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Lulju 2010 u esebita fl-atti a fol. 61, ir-rikorrenti ceda r-rikors li kellu pendenti quddiem il-Prim' Awla (Rikors Numru 217/2010 (fol. 61). M'hemmx dubju pero' bhala fatt li dan ir-rikors in d'esamina beda jinstema' qabel ma gie cedut l-iehor quddiem il-Prim' Awla.*

*Jinghad bla tlaqliq kif stqarret il-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Abela et vs Katarina Cachia*** *deciza fl-21 ta' Frar 2007, li l-artikolu msemmi jirreferi ghal meta ssir rinunzja tal-atti u mhux ghal kawzi decizi (ara* ***Brincat noe et vs Mifsud et*** *[Appell 16 ta' April 2004]. Ara wkoll* ***Mifsud vs Thorne*** *deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera u konfermata fl-Appell fil-11 ta' Marzu 2001).*

*Intqal in re:*

***Baldacchino vs Bartolo** (Prim' Awla per Caruana Colombo fit-30 ta' Gunju 1954 "la rinunzia agli atti di regola importa la estinzione della procedura, e non quella dell'azione, ed in conseguenza la rinunzia con animo di meglio derigersi lascia aperto il diritto alla riproposizione della stessa domanda" (Vol 5-648 XXVIII - 111-737, b'mod illi l-parti li tirrinunzja ghall-attijiet tista' tibda kawza ohra ghall-istess azzjoni. Pero' din il-fakulta' hi biss moghtija lil dik il-parti, qabel ma tibda l-kawza l-ohra, hija tkun hallset l-ispejjez ta' dik il-kawza lill-parti l-ohra, altrimenti dik il-parti ma tkunx tista' tibda l-kawza l-ohra ghall-istess azzjoni......."*

*Il-ligi ssemmi 'kawza ohra ghall-istess azzjoni'. "Dak li jikkostitwixxi l-istess haga m'humiex ta' bilfors l-uzu tal-istess kliem imma n-natura fil-qofol tal-azzjoni l-wahda u l-ohra".(**Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi**, Prim Awla per Imhallef Joseph R. Micallef deciza fis-16 ta' Ottubru 2003; ara wkoll **Ivo Borg vs Carmelo Muscat**, deciza fit-28 ta' Ottubru 1960 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Flores; **Giovanna Mangion vs Joseph Meli Bugeja et** deciza fit-30 ta' Gunju, 1960 mill-Qorti tal-Kummerc per Imhallef Gouder). F'dan il-kaz ma gietx esebita kopja tar-rikors li kien qed jinstema' quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili pero' peress li ma kienx hemm kontestazzjoni dwaru jidher li l-mertu tieghu kien identiku ghal dan prezenti.*

*Hija l-fehma tal-Qorti li r-regola tal-**artikolu 907** tidhol fis-sehh biss jekk kemm-il darba t-tieni kawza tinbeda wara li l-ewwel wahda tkun diga' giet ceduta. Minn kliem il-ligi, ma jidhirx li persuna li tkun bdiet it-tieni kawza waqt li l-ewwel wahda tkun ghadha ghaddejja jaqa' fuqha l-obbligu li thallas lill-parti l-ohra l-ispejjez taghha tal-ewwel kawza qabel tista' titressaq it-tieni azzjoni. Ma jidhirx li l-parti mharrka f'kaz bhal dan, tkun tista' tinvoka l-kundizzjoni tal-**artikolu 907 (2)** imma biss l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens (ara ibid **Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi**.)*

*Jinghad li jekk ir-rikorrenti jkun hallas l-ispejjez tal-ewwel rikors fil-mori tas-smiegh tat-tieni rikors, allura ghandu japplika l-kuncett ta' jus superveniens u b'hekk it-tieni*

*kawza tista' tkompli tiehu l-kors taghha, kif ghandu jsir f'din il-kawza, u ghalhekk tali eccezzjoni ulterjuri qieghda tigi michuda.*

*Jibqa' ghalhekk l-ahhar eccezzjoni li tigi trattata, u cioe' "li ma tirrikorri ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 sabiex jimmerita li jigi milqugh ir-rikors odjern ghar-Revoka tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni u l-Mandat ta' Sekwestru numru 288/10."*

*Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-intimat kien istitwixxa proceduri fil-konfront tar-rikorrenti odjern skond l-**Artikolu 166A** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi pprezenta l-Ittra Ufficjali ai termini tas-**sub artikolu 2 tal-artikolu 166A** li jghid:-*

*"(2) Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficcjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-Registratur jew Prokuratur Legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba…."*

*Issa l-**Artikolu 166A (4)** jistipula li f'kaz li d-debitur, f'dan il-kaz ir-rikorrenti ma jwegibx ghad-domanda li saritlu ai fini ta' dan l-Artikolu, s-segwenti:-*

*"Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum min-notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhallikieku dik l-ittra ufficjali kienet inkluza fl-artikolu 253 (a)."*

*Dan hu proprju dak li qed jikkontendi l-intimat, li la r-rikorrenti ma kienx wiegeb, allura t-titolu tieghu gie rez ezekuttiv.*

*Illi pero' l-istess disposizzjoni tal-ligi u appuntu s-**sub artikolu (5)** tal-istess disposizzjoni (kwotata mill-intimat fir-risposta tieghu), tipprovdi x'ghandu jsir f'kaz li r-raguni tal-intimat li ma wegibx tkun wahda gustifikata.*

*Dan is-sub artikolu jghid hekk:-*

*"(5) "Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozzizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-*
*Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi*
*zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi*
*mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq*
*dak it-titolu, l-Qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

*Issa minn ezami tal-korp tar-rikors promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti qed jallega li ma kienx jaf bl-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx gie notifikat kif imiss, u ghalhekk l-ewwel proviso ma japplikax zgur.*

*Jehtieg ghalhekk li din il-Qorti tezamina u tara dak li hemm provdut fis-sub artikoli (1), (2) u (3) tal-istess artikolu 166A sabiex tara jekk jikkonkorrux dawk ic-cirkostanzi.*

*Skont l-**artikolu 166A (1)** ir-rikorrenti jista' jaghmel uzu mill-procedura tal-ittra ufficcjali hemm imsemmija "F'azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn cert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeccedi tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin centeżmu (€23,293.73), jew dik is-somma l-oħra li tista' tigi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipprocedi……*

*Iżda wkoll il-kreditur ikun jista' jimxi skont dan l-artikolu biss jekk id-debitur ikun preżenti f'Malta u ma jkunx minuri jew persuna inkapacitata skont il-ligi u jekk id-dejn ma jkunx ovut minn eredita gjacenti"*

*Jirrizulta minn ezami tal-ittra ufficjali esebita li r-rekwiziti ta' dan l-artikolu huma sodisfatti, u ghalhekk ghamel tajjeb ir-rikorrenti li applika din il-procedura.*

*Hu dettat mis-**subinciz (2) ghall-Artikolu 166A** tal-Kodici ritwali illi l-ittra ufficjali ghandu wkoll ikun fiha, taht piena ta' nullita` "r-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba";*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Andrew Mercieca**, pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar, 2010 per Magistrat illum Mhallef Anthony Ellul, u fejn ukoll tqajmet kwistjoni konsimili, inghad dan:-*

*"Il-kreditur ghandu obbligu li fl-ittra ufficcjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'kien jitratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss... kellu juri n-natura tax-xoghol li qieghed jitlob il-hlas tieghu, meta sar ix-xoghol, u spjega tal-ammont li*
*qieghed jitlob fis-sens li jaghtih taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li saru u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas."*

*Issa f'dan il-kaz jekk wiehed jezamina l-ittra ufficjali in kwistjoni esebita a fol. 5, jirrizulta bic-car dak li r-rikorrenti qed jitlob lill-intimati u cioe' n-natura tal-obbligazzjoni, l-ammont tal-kreditu tieghu u mil-liema att huwa naxxenti tali dejn. Ghalhekk is-sub artikolu (2) zgur li gie sodisfatt.*

*Jibqa' ghalhekk biss li jigi ezaminat dak li jghid is-**sub inciz (3)** tal-istess artikolu 166A :-*

*"L-ittra ufficjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullita` intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi żmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:"*

*Illi minn ezami tal-istess ittra ufficjali a fol 5 jirrizulta li din intimazzjoni nghatat ukoll.*

*M'hemmx dubju li r-rikorrenti qed jikkontesta l-ittra ufficjali fuq ragunijiet ohra, u cioe' fuq il-mertu tal-kreditu, pero' bir-rispett kollu din hija procedura specjali u trid tigi segwita in toto, u ma tistax tigi uzata ghar-raguniiet li jidhru xierqa biss lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kellu zmien ghoxrin gurnata minn meta rcieva l-ittra ufficjali msemmija datata 23 ta' Mejju 2008 sabiex jirrispondiha, f'liema kaz din l-ittra ma kinitx issir hekk ufficjali. Illum ir-ragunijiet migjuba mir-rikorrenti fir-rikors tieghu sabiex iwaqqaf l-ezekuzzjoni taghha, u dan sabiex ma tibqax tgawdi minn titolu ezekuttiv, huma nfondati. Bir-rispett kollu dak sollevat mir-rikorrenti fir-rikos promotur tieghu kien ikun sodisfacenti bhala risposta ghall-ittra ufficjali kieku saret fit-terminu moghti mil-ligi t'ghoxrin jum min-notifika tal-ittra ufficjali lilu.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li ma jirrikorru ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 sabiex jimmerita li jigi milqugh ir-rikors odjern ghar-Revoka tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni u il-Mandat ta'***

***Sekwestru numru 288/10, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minnu, kif ukoll tichad it-talba rikorrenti.***

***Spejjez a karigu tal-istess rikorrenti."***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Frank u Louise konjugi Azzopardi datat 12 ta' Lulju 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar id-decizjoni appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta tal-appellati datata 19 ta' Lulju 2011 a fol 8 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi konfermata u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Dicembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher id-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 201.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 22 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) l-ittra ufficjali abbazi tal-**artikolu 166A (1) tal-Kap. 12** ma tissodisfax il-kwezit tal-**artikolu 166A (1)** ghaliex id-dejen ma huwa cert, la likwidu u lanqas ghalaq, tant li gie ppruvat li tali debitu thallas u hawn saret riferenza ghas-sentenza **"A X**

**Holdings Limited gia Anglu Xeureb Limited vs Victor Borg Barthet et"** (P.A. (AL) – 14 ta' Lulju 2009).

Illi l-ewwel difiza ghal dan ir-rikors hija li minn decizjoni moghtija taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 166A (5) tal-Kap. 12** ma hemmx appell.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li kienet saret ittra ufficjali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 166A tal-Kap. 12** kontra l-appellat datat 23 ta' Mejju 2008 li giet notifikata lill-appellati u sussegwentement l-istess appellanti ghamlu rikors abbazi tal-**artikolu 166 A (5)** datat 18 ta' Marzu 2010 wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru Numru 288/2010 datat 2 ta' Marzu 2010.

Illi f'dan il-kaz sar dan il-pronunzjament mill-Ewwel Qorti llum suggett ghall din il-procedura proprju abbazi tal-procedura specjali stabilita skond l- **artikolu 166A (5) tal-Kap. 12** li jindika dawn ir-ragunijiet biss hemm specifikati kif ittra ufficjali li qed tigi prezentata bhala titolu esekuttiv skond l-imsemmi artikolu tista' tigi ddikjarata nulla u bla effett  u din hija l-unika procedura li tista' twaqqaf l-esekuzzjoni ta' mandat mahrug  in sostenn ta' tali titolu esekuttiv. Fil-fatt fid-decizjoni **"Anthony Grech vs Christian Lund"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2012) infhad li tali procedura hija ghalhekk wahda specjali u tipprovdi kif tali ittra ufficjali tista' tigi attakata quddiem l-Ewwel Qorti, izda fl-istess hin l-istess disposizzjonijiet ma' jipprovdux ghall-appell mill-istess decizjoni ta' l-Ewwel Qorti, u certament li tali decizjoni ma hijiex wahda moghtija wara kawza skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 47 tal-Kap. 12,** li minnha hemm  appell quddiem din il-Qorti skond l-**artikolu 49 tal-Kap. 12.** Dak li allura gie sottomess mill-appellat li fl-istat tal-Ligi kif inhi din hija procedura specjali, li certament ma ma jammontax ghall azzjoni jew  kawza kif imfissra fl-**artikolu 47 tal-Kap. 12,** u tali procedura *sui generis* ma tipprovdix ghall procedura ta' appell, hija korretta u allura ma hemm l-ebda appell minn decizjoni mehuda fil-kuntest tal-**artikolu 166A tal-Kap. 12.** Fil-fatt id-decizjoni tal-Ewwel Qorti tammonta ghal digriet li ma hemm ebda appell minnha u jista' jigi revokat biss bi proceduri appositi mehuda in kontradittorju

fil-Qorti li tkun mitluba tirrevoka dak id-digriet u huwa biss minn tali decizjoni li hemm dritt ta' appell quddiem din il-Qorti (**"Jonathan Shaw vs David Shaw"** – A.I.C. (PS) – 27 ta' Novembru 2009). Ghalhekk l-appell odjern qed jigi ddikjarat ghall dawn ir-ragunijiet bhala improponibbli u null u bla effett ghall finijiet u termini kollha tal-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata fir-risposta tal-appell tal-appellati datata 19 ta' Lulju 2011, tichad l-appell interpost mill-appellanti Frank Azzopardi et fir-rikors tal-appell taghhom datat 12 ta' Lulju 2011 ghaliex tali appell huwa mproponibbli u allura null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, b'dan allura li ma hemm ebda appell mid-decizjoni "Frank Azzopardi et vs Joan Gauci et" datata 22 ta' Gunju 2011 (Rikors 94/10/CSH) mehuda abbazi tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 ghar-ragunijiet hawn decizi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Frank Azzopardi et.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------